CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72

IT-Tnejn, 17 ta' Dicembru 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.15pm.

## 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

72.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

## 72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

72.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Wieħed u Sebgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

72.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

72.3.1 Is-Sindku infurma lill- Kunsill li sar intevent fuq is- siġar tal-prinjol li jinsabu fi Triq Il-Muzew wara l-approvazzjoni ta' l- ERA.

72.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li dan l-aħħar il-kuntrattur għal-ġbir tal-iskart organiku ngħata żewġ *default notices* wara li naqas li jiġbor mad-dawra tal-Imdina. Huwa qal li jekk is-sitwazzjoni mhux ser titranġa l-Kunsill ma jibqalux alternattiva oħra ħlief li jieħu provediment ulterjuri skont il-Kuntratt.

72.3.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li d-*draft Bye Law* tal-karozzini tlestiet u għandu jiġi ppubblikat fuq il-Gazzetta tal-Gvern għall-iskrutinju tal-pubbliku.

72.3.4 Is-Sindku infurma li l-ħarga għall-anzjani ġewwa l-gżira ta' Għawdex nhar il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru 2018 kellha titħassar minħabba nuqqas ta' attendenza. Huwa ssuġġerixxa li l-ħarġa li jmiss issir il-Muzew tal-Muza u l-Parliament ġewwa l-Belt Valletta fi Frar.

72.3.5 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa fil-Ministeru tal-Onor. Ian Borg fejn laqqa' wkoll uffiċjali tal-KNPD biex tinstab l-aħjar soluzzjoni għall-aċċess lil persuni b'diżabilita' fil-Pjazza tas- Sur. Huwa qal li hu zgur hu, li mhuwiex ser jaċċetta li jsir *lift* hemmhekk imma jikkunsidra biss li jsir *platform* u dan la darba li jkollu l-pjanti f'idejħ.

72.3.6 Is-Sindku kien qed jissuġerixxi li l-ikla tal-Milied għar-residenti u staff issir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2019. Il-Kunsill approva.

72.3.7 Is-Sindku tkellem fuq ir-rapport li ħareġ tal-NSO fejn qed juri li l-Kunsill għandu *deficit* fil-finanzi tal-Kunsill. Huwa qal li dan mhux reali għaliex għalkemm il-kotba tal-kunsill juru dan, ir-raġuni ta' din hija kollha minħabba l-*accrual* li jsir kull sena tal-kera tal-uffiċċju tal-Kunsill, liema kera ma teżistix għar-raġuni li ma hemmx kuntratt *in vigore* mad-Dipartiment tal-Artijiet u kif kulħadd jaf bħala Kunsill ilna tlieta u għoxrin sena niġru wara d-Dipartiment biex ikun attwat kuntratt u qatt ma jkollna risposta mingħandhom. Bħala Kunsill ħadna deċiżjoni li dan l-*accrual* ma jibqax u jkun hemm *accrual* biss ta' dawn l-aħħar 5 snin skont kif tippermetti l-liġi għaliex bħala Kunsill la qatt ma rċevejna fattura u wisq anqas *statement of account*.

72.3.8 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu risposta mir-Restoration Unit biex jinkera il-Foss għal attivita' Medjevali ta' din is-sena fejn qed jitolbu s-somma ta' € 6000. Huwa qed jipprova li jġib il-kirja b'xejn għaliex wara kollox permezz ta' din l-attivita' qed igawdi l-pajjiż kollu minħabba l-affluss ta' turisti kif ukoll Maltin li jiġu jżuru din l-attivita'

72.3.9 Is-Sindku talab lis-SE biex jgħid lill-kuntrattur jagħmel żabra ħafifa tas-sigra li tinsab fi Triq San Pietru kantuniera ma' Triq Villegaignon kif ukoll jitnaddfu l-qsari li jinsabu ġewwa l-Imdina.

**72.4 Baġit 2019**

72.4.1 Il-Draft Bagit għas-sena finanzjarja 2019 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (mehmuż) għall-approvazzjoni. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

72.4.2 Is-SE qal li l-Indikatur Finanzjarju għas-sena 2019 ser ikun ta' 32% meta kumparat mas-sena 2018 u l-profit proġettat ser ikun ta' madwar € 61,853.

72.4.3 Il-Kunsill approva l-baġit għas-sena 2019.

**72.5 Sejħa għall-Offerti ta' Accountant u Accountant Technician MLC 02/18- Approvazzjoni**

72.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra rapport li sar mill-Bord ta' Evalwazzjoni fuq l-offerti għal servizz ta' accountant u accountant technician mal-Kunsill fejn dan il-Bord qed jirrakomanda li s-servizz jingħata lil DGalea Consult Ltd. Il-Kunsill approva din ir-rakkomandazzjoni.

**72.6 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet**

72.6.1 Is-SE infurma lill-Kunsill li għandha ssir il-Laqgħa annwali tal-Lokalita mar-residenti skont kif tippermetti l-liġi. Il-Kunsill iddeċieda li din il-laqgħa għandha ssir nhar l-Erbgħa 9 ta' Jannar 2019 fit-3pm.

72.6.2 Il-kumpanija FACES li tieħu ħsieb l-installar ta' Bus Shelters għamlet talba biex issir laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill talab lis-SE bex isir appuntament magħhom.

72.6.3 Is-SE infurma lill-Kunsill li l-uffiċċju tal-MTA qiegħed fil-proċess li jsir manutenzjoni u *upgrading* tiegħu u qed jitolbu li sakemm isir dan ix-xogħol, l-uffiċċju jiġi rilokat f'xi post ieħor, propjeta' tal-Kunsill. Il-Kunsill ma jistax joffri dan il-post għaliex ma għandux.

72.7 **Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

72.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-17 ta' Diċembru 2018, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 49,752.94

72.7.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Debono li kienet issekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**72.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

72.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.28pm u ġiet aġġornata għas-16 ta’ Jannar 2019 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 16-01-2019________